MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 694/2009

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**1. Dalli Brothers Limited**

**2. John u Josephine mizzewgin Dalli (ID numri 84446(M) u 491945(M))**

**3. D & B Catering Limited (C 5816)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur fejn gie premess:-

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratti datati fl-20 t'Ottubru 1975, fl-14 t'Awissu 1978, u fit-3 ta'

Novembru 1979 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat, dawk datati fl-4 ta' Mejju 1984 in atti Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin, fit-30 ta' Dicembru 1997, u fid-9 ta' Novembru 1998 in atti Nutar Dottor Bartolomeo Micallef, fit-13 t' Ottubru 1999, u fis-17 ta' Mejju 2001 in atti Nutar Dottor Carmel Mangion (Dok. A, B, C, D, E, F, G, H, I, J, K) is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta' Dalli Brothers Limited.

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' Dalli Brothers Limited fis-somma ta' zewg miljuni, mitejn u sebghin elf, erba' mija u tlieta u tmenin Ewro u sitta u disghin centezmu (€2,270,483.96) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-socjeta' Dalli Brothers Limited mal-Bank of Balletta p.l.c. (Dok "L1 sa L3", "M1 sa M3", "N1 sa N4", "O1 sa O4", "P1 sa P3", "Q1 sa Q6") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-20 ta' Mejju 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi permezz ta' kuntratti datati fl-14 t' Awissu 1978, fit-3 ta' Novembru 1979, in atti Nutar Dottor Joseph Brincat, fl-4 ta' Mejju 1984 in atti Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin, fid-29 ta' Settembru 1990, fit-30 ta' Dicembru 1997, u fid-9 ta' Novembru 1998, in atti Nutar Dottor Bartolomeo Micallef, u fit-13 t' Ottubru 1999 u fis-17 ta' Mejju 2001 in atti Nutar Dottor Carmel Mangion (Dok B, C, D, E, F, G, H, I, J, K), kif ukoll permezz ta' tlett skritturi privati datati fit-3 ta' Lulju 1984, fid-29 ta' Settembru 1990, u fis-26 ta' Novembru 1998 (Dok R, S, T) John u Josephine mizzewgin Dalli iggarantew flimkien u "in solidum" mas-socjeta' Dalli Brothers Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess Dalli Brothers Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

4. Illi, permezz ta' kuntratti datati fid-9 ta' Novembru 1998 (Dok I) in atti Nutar Dottor Bartolomeo Micallef, u fit-13 t' Ottubru 1999 (Dok J) in atti Nutar Dottor Carmelo Mangion, u permezz ta' skrittura privata datata fis-26 ta' Novembru 1998 (Dok. 'S') is-socjeta' D & B Catering Limited iggarantiet flimkien u "in solidum" mas-socjeta' Dalli Brothers Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c

id-debiti ta’ l-istess Dalli Brothers Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

5. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u l-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokumenti (Dok. A, B, C, D, E, F, G, H, I, J, K R, S u T) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta’ Dalli Brothers Limited, John u Josephine mizzewgin Dalli, u s-socjeta’ D & B Caterinet Limited naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess s-socjeta’ Dalli Brothers Limited, John u Josephine mizzewgin Dalli, u s-socjeta’ D & B Catering Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

6. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment

7. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ tlett ittri ufficjali datati fit-13 ta’ Frar 2009 li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok “U, V, u W”, sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghalhekk il-bank attur qed jitlob li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni:-

jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u l-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokumenti “A, B, C, D, E, F, G, H, I, J, K, R, S u T”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta’ Dalli Brothers Limited, John u Josephine mizzewgin Dalli, u s-socjeta’ D & B Caterine Limited (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet

materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess s-socjeta’ Dalli Brothers Limited, John u Josephine mizzewgin Dalli, u s-socjeta’ D & B Catering Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

il-konvenuti jigu kundannati, flimkien u in solidum bejnithom, jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ zewg miljuni, mitejn u sebghin elf, erba’ mija u tlieta u tmenin Ewro u sitta u disghin centezmu (€ 2,270,483.96) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u Overdraft Accounts” tas-socjeta’ Dalli Brothers Limited mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok “L1 sa L3”, “M1 sa M3”, “N1 sa N4”, “O1 sa O4”, “P1 sa P3”, “Q1 sa Q6”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-20 ta’ Mejju 2009 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittri ufficjali datati fit-13 ta’ Frar 2009 u tal-Mandati ta’ Sekwestru li qed jigu prezentati kontestwalment, li gew ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni u minghajr pregudizzju u bir-rizerva ghall-pretensjonijiet ohra tal-attrici kontra l-konvenuti Dalli Brothers Limited, John u Josephine mizzewgin Dalli, u s-socjeta’ D & B Catering Limited li gew ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kollha fejn gie eccepit:-

It-talbiet tar-rikorrenti huma ghall-hlas sia ta’ kont kurrenti (overdraft), kif ukoll ta’ mutwi (loans), u huma eccessivi fiz-zewg kazijiet ghas-segwenti ragunijiet:

a. fil-kaz tal-kontijiet kurrenti, gew komputati imghaxijiet komposti anke wara li gie terminat il-kont; u
b. fil-kaz ta’ mutwu, qed jintalbu somom li jeccedu l-kapital u dan bi ksur tal-principju imsejjah ultra duplum.

2. Qabel xejn, gjaladarba ir-rikorrenti qed jitolbu hlasijiet fuq kont kurrenti li beda fis-sena 1975 permezz tal-kuntratt Dok. A, ir-rikorrenti ghandhom jipprovdu rendikont dettaljat tat-transazzjonijiet kollha kreditati u debitati fil-kont relattiv minn dik id-data, u mhux mis-sena 1999 (vide

Dok. O 2) meta il-kont jiftah b'somma allegatament dovuta mill-esponenti konsistenti f'kapital ta' Lm312,720.58 u imghax ta' Lm146,997.78, total ta' Lm459,718.36, minghajr rendikont li jikkorobora dan l-opening balance.

3. Il-bank kreditur kien unilateralment rrenda il-kont kurrenti reducing only almenu sa minn Ottubru 1985 (Dok JD 1), oltre illi saret call in fl-4 ta' Settembru 1987 (Dok JD 2). Is-somma kapitali dovuta f'Ottubru 1985 (Dok JD1), kalkolata sa dakinhar bl-imghax kompost, kienet tlahhaq is-somma ta' Lm196,250, u dan kif jirrisulta mill-istess ittra Dok JD1. Ir-riferenza ghas-somma ta' Lm268,000 hija riferenza ghas-somma ta' Lm196,250 mizjuda b'kontijiet ohra li dwarhom l-esponenti qatt, sa fejn jafu huma, ma nghataw ebda rendikont, u sta ghall-bank rikorrenti jipprova illi dawk huma dovuti mill-eccipjenti, li bil-presenti qed jikkontestaw iz-zjieda ta' Lm71,750 fuq l-ammont ta' Lm196,250.

4. Barra minn dan, mis-somma ta' Lm196,250, ghandha titnaqqas is-somma ta' Lm38,100.78,6, bl-imghaxijiet relattivi, billi dawn gew addebitati lill-kont kurrenti tal-eccipjenti fis-27 ta' Jannar, 1983, u sa fejn jafu u/jew jiftakru l-eccipjenti, qatt ma intwera lilhom x' kien dan il-kont u ghaliex gie debitat lilhom. Ghalhekk dik l-entrata kif ukoll l-imghax kollu fuqha qed tigi kontestata, u ghalhekk l-ammont ta' Lm196,250 f'Ottubru, 1985, ghandu jigi imnaqqas b' dak l-ammont u l-imghax kalkolat fuqu.

5. Issa, huwa risaput fil-gurisprudenza u fid-duttrina illi meta jitwaqqaf il-kont kurrenti (overdraft), ir-regoli specjali applikabbli ghalih skond l-uzu kummercjali ma jibqghux hekk applikabbli, u jsiru applikabbli ghalih ir-regoli tal-mutwu, inkluza dik li l-imghax jigi kalkolat b'mod semplici, kif ukoll dik li l-imghax ma jistax jeccedi l-kapital – ultra duplum.

6. Wara Ottubru, 1985, data tad-Dok JD1, meta l-ammont dovut f'kapital deher li kien skond il-bank Lm196,250, fil-kont kurrenti il-bank rikorrenti iddebita l-kont sal-lum, Awissu tal-2009 – hamsa u ghoxrin sena wara – bis-somma totali kapitali ulterjuri ta' Lm27,862.

Dawn l-ammonti qatt ma kellhom jigu addebitati lill-kont kurrenti, li kien twaqqaf bid-Dok JD 1, u ghalhekk dan l-ammont ghandu jitnaqqas ukoll mill-kont kurrenti.

7. Fl-istess waqt, fuq dak il-kont kurrenti il-bank rikorrenti qed jitlob li jithallas skond din il-kawza addirittura s-somma ta' Lm693,935.02 (ara Dok O 4), meta fl-ahjar ipotesi ghall-bank rikorrenti, meta twaqqaf il-kont kurrenti f' Ottubru, 1985, il-kapital dovut kien ta' Lm196,250, (izda fuq dan hemm kontestazzjoni fuq Lm38,100.78,6, bl-imghaxijiet relattivi, mis-27 ta' Jannar, 1983, sa Ottubru 1985).

8. Il-bank rikorrenti qed joqghod fuq id-dokument datat 11 ta' Ottubru, 1999, Dok O 1, bis-sahha ta' liema l-esponenti qablu ma' kont li inhadem bl-imghax kompost wara Ottubru 1985, sabiex minn dak in-nhar (11 ta' Ottubru, 1999), il-kont kurrenti beda jinhadem bl-imghax semplici. Bis-sahha ta' dan id-dokumenti, il-bank rikorrenti jrid jipprova illi kien biss minn dik id-data (11 ta' Ottubru, 1999) u mhux minn Ottubru, 1985, illi ghandhom japplikaw ir-regoli tal-mutwu ghall-kont kurrenti.

9. L-esponenti jeccepixxu in-nullita' tad-Dok O1 a tenur tal-Art. 1226 tal-Kodici Civili, billi l-kont mahdum mill-bank fit-2 ta' Awissu, 1999, li ghalih issir riferenza fid-Dok O1, huwa affett minn zbalji sostanzjali, oltre ghall-fatt illi l-bank kien jaf illi l-ammont ta' Lm459,718.36, inkluza s-somma ta' Lm93,333.04 skond dik l-ittra O1, ma kienx dovut billi l-kont kien ilu li twaqqaf minn Ottubru 1985, u baqghu jigu addebitati imghaxijiet komposti minn dak in-nhar sal-11 ta' Ottubru, 1999, total ta' erbatax il-sena. B'hekk id-Dok O1 ghandu jigi rexiss ghaliex affett minn zball ta' fatt, u l-kunsens tal-esponenti gie karpit bil-qerq tar-rikorrenti.

10. Bl-istess mod qed jigu impunjati a tenur tal-Art. 1226 tal-Kodici Civili il-kuntratti ta' kont kurrent (overdraft) Dok. F u Dok G ippublikati min-Nutar Bartolomeo Micallef rispettivament fit-30 ta' Dicembru, 1997, u fid-9 ta' Novembru, 1998. Fiz-zewg kuntratti gie dikjarat illi l-bank rikorrenti qed jaccedi ghal talba tal-esponenti biex jippermettu li l-overdraft jasal sas-somma rispettivament

ta' Lm463,000 u sas-somma ta' Lm565,000. Din id-dikjarazzjoni hija inveritiera u ma gew avvanzati ebda flejjes u ma saret ebda domanda, il-ghaliex dawk il-kuntratti ta' overdraft saru unikament sabiex jidher f'att pubbliku li l-esponenti accetta il-kapitalizzazzjoni ta' imghax kompost il ma kienx dovut. Kif intwera fil-paragrafu numru 6 ta' din l-eccezzjoni, l-unika somma kapitali somministrata wara Ottubru 1985, sal-lum, kienet is-somma ta' Lm27,862. Ghalhekk, iz-zewg kuntratti Dok F u Dok G ghandhom jigu rexissi ghaliex affetti minn zball ta' fatt sostanzjali, u l-kunsens tal-esponenti gie karpit bil-qerq tar-rikorrenti;

11. Il-posizzjoni ezatta ghandha tirrisulta wara il jigu esebiti il-kontijiet mill-1975, u meta jigi meqjus minn din il-Qorti li twaqqaf il-kont kurrenti, li hija materja ta' prova dwar liema l-esponenti esebixxa id-Dok JD1, u JD2, u dwar liema jirrserva li jipprovdi provi ulterjuri fil-kors tal-kawza, izda f' kull kaz qed jigu kontestati l-addebiti ta' Lm71,750, Lm38,100.78,6 u Lm27,862, u l-imghax relattiv fuqhom.

12. Ghalhekk, kwantu ghall-kont kurrenti (overdraft), wara illi l-bank rikorrenti jipprovdi kont dettaljat ezawrienti mill-1975 meta beda dak il-kont, is-sottomissjoni tal-esponenti tista' tigi rikapitolata kif gej:-

a) Il-kont twaqqaf mill-bank kreditur almenu bl-ittra JD1 f'Ottubru, 1985, jekk mhux qabel izda l-eccipjenti jirriserva li jgib provi ulterjuri dwar dan.

b) Minn dakinhar li l-kont twaqqaf, il-kont huwa regolat bir-regoli applikabbli ghall-mutwu, inkluz ir-regola li l-imghax ma jistax jeccedi l-kapital – ultra duplum.

c) Is-somma murija fid-Dok JD 1 (Lm268,000) hija mizjuda b'somma ta' Lm71,750 li dwarha l-esponenti, sa fejn jafu huma, qatt ma inghataw ebda rendikont, u liema somma mizjuda qed tigi kontestata, u s-somma korretta f'Ottubru, 1985 kienet Lm196,250.

d) Is-somma ta' Lm196,250 ghandha titnaqqas bis-somma Lm38,100.78,6, bl-imghaxijiet relattivi, billi dawn gew addebitati lill-kont kurrenti tal-eccipjenti fis-27 ta' Jannar, 1983, u l-eccipjenti ma jafux u qatt ma intwera

lilhom x' kien dan il-kont u ghaliex gie debitat lilhom, u ghalhekk din is-somma ukoll qed tigi kontestata.

e) Il-posizzjoni tal-esponenti qed tigi riservata ghal dak li sejjer jirrisulta meta l-bank rikorrenti jesebixxi rendikont dettaljat tal-overdraft minn dakinhar li inbeda fl-1975.

f) Meta jigi stabbilit esattament kemm ghandu jkun l-ammont dovut fil-mument li fih twaqqaf il-kont kurrenti, ghandhom japplikaw ir-regoli tal-mutwu, inkluz il-principju tal-ultra duplum.

g) L-ammont totali ta' Lm27,862 addebitati lill-overdraft wara Ottubru, 1985, ghandhom jigu mahruga mill-kont ghaliex addebitati lilu erroneament wara li l-kont twaqqaf unilateralment.

h) Id-dokument annessi mar-rikors promotur Dok O 1, u Dok F u Dok G (dawn tal-ahhar in kwantu jirrigwardja biss il-parti tal-overdraft) qed jigu impunjati a tenur tal-Art 1226 tal-Kodici Civili u qed tintalab ir-rexxissjoni taghhom ghaliex affetti minn zball ta' fatt sostanzjali, u billi l-kunsens tal-esponenti gie karpit bil-qerq tar-rikorrenti.

13. Kwantu ghall-mutwi, hija duttrina u l-gurisprudenza kostanti tal-ordinament giuridiku nostrali illi f' ebda kaz ma jista' jithallas imghax li jeccedi l-kapital, u f' dan il-kaz id-dokumenti esebiti juri illi l-bank rikorrenti qed jitlob hlas ta' imghax li jeccedi l-kapital fuq kuntratti ta' mutwu.

14. B'hekk, l-ammonti mitluba fir-rikors promotur huma eccessivi u ghandhom jitnaqqsu okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

15. Kwantu ghall-garanti, l-ammont dovuti solidament mad-debitrici principali huma limitati bl-ammonti deskritti fl-istess garanziji.

Rat l-affidavits tal-konvenut John Dalli u tac-xhud Jon Jon Dalli, it-tnejn prodotti mill-konvenuti u liema affidavits huma dwar l-eccezzjonijiet numri 9 u 10.

Rat l-affidavits ta' Charles Pearsall u ta' Michael Micallef, presentati mill-Bank attur.

Semghat lill-imsemmi xhud Michael Micallef in konro-ezami.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti dwar l-imsemmija eccezzjoniiet numri 9 u 10.

Rat in-nota responsiva tal-bank attur dejjem dwar l-imsemmija zewg eccezzjonijiet..

Semghat it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet dejjem dwar l-imsemmija eccezzjonijiet.

Rat l-atti l-ohra kollha rilevanti u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza dwar l-eccezzjonijiet numru 9 u 10.

Ikkunsidrat:-

BIl-presenti sentenza qed jigu decizi biss l-imsemmija zewg eccezzjonijiet u cioe’:-

Fl-eccezzjoni numru 9 l-intimati jeċepixxu n-nullita’ tad-Dok O1 a tenur tal-Art. 1226 tal-Kodici Civili, billi l-kont mahdum mill-bank fit-2 ta’ Awissu, 1999, li ghalih issir riferenza fid-Dok O1, huwa affett minn zbalji sostanzjali, oltre ghall-fatt illi l-bank kien jaf illi l-ammont ta’ Lm459,718.36, inkluza s-somma ta’ Lm93,333.04 skond dik l-ittra O1, ma kienx dovut billi l-kont kien ilu li twaqqaf minn Ottubru 1985, u baqghu jigu addebitati imghaxijiet komposti minn dak in-nhar sal-11 ta’ Ottubru, 1999, total ta’ erbatax il-sena. B’ hekk id-Dok O1 ghandu jigi rexiss ghaliex affett minn zball ta’ fatt, u l-kunsens tal-esponenti gie karpit bil-qerq tar-rikorrenti (sic).

Fl-eccezzjoni l-ohra cioe’ dik ikkontrasenjata bin-numru 10 l-intimati jeċepixxu “bl-istess mod qed jigu impunjati a tenur tal-Art. 1226 tal-Kodici Civili il-kuntratti ta’ kont kurrent (overdraft) Dok. F u Dok G ippublikati min-Nutar Bartolomeo Micallef rispettivament fit-30 ta’ Dicembru, 1997, u fid-9 ta’ Novembru, 1998. Fiz-zewg kuntratti gie

dikjarat illi l-bank rikorrenti qed jaccedi ghal talba tal-esponenti biex jippermettu li l-overdraft jasal sas-somma rispettivament ta’ Lm463,000 u sas-somma ta’ Lm565,000. Din id-dikjarazzjoni hija inveritiera u ma gew avvanzati ebda flejjes u ma saret ebda domanda, il-ghaliex dawk il-kuntratti ta’ overdraft saru unikament sabiex jidher f’att pubbliku li l-esponenti accetta il-kapitalizzazzjoni ta’ imghax kompost il ma kienx dovut. Kif intwera fil-paragrafu numru 6 ta’ din l-eccezzjoni, l-unika somma kapitali somministrata wara Ottubru 1985, sal-lum, kienet is-somma ta’ Lm27,862. Ghalhekk, iz-zewg kuntratti Dok F u Dok G ghandhom jigu rexissi ghaliex affetti minn zball ta’ fatt sostanzjali, u l-kunsens tal-esponenti gie karpit bil-qerq tar-rikorrenti; Kwindi l-preżenti ma għandhiex tidħol fil-mertu tat-talbiet jew fil-mertu tal-eċċezzjonijiet l-oħra, iżda biss f’dawn l-eċċezzjonijiet numru 9 u 10.

Fl-eċċezzjonijiet in kwistjoni, l-intimati qegħdin jitolbu x-xoljiment tad-dokument O1 a fol 122 (u cioe’ l-ittra mibghuta mill-istess John Dalli u John John Dalli fil-11 ta’ Ottubru 1999 lill-Bank attur) u tad-dokumenti Dok. F a fol 59 u Dok G a fol 71 ippublikati min-Nutar Bartolomeo Micallef rispettivament fit-30 ta’ Dicembru, 1997, u fid-9 ta’ Novembru, 1998.

Illi sabiex dawn l-eċċezzjonijiet ikunu jistgħu jiġu milqugħa l-intimati jridu jippruvaw zball ta’ patt skont l-Artikolu 976 tal-Kodici Civili jew tal-qerq ai termini ta’ l-Artikolu 981 ta’ l-istess Kodici Civili (Kap.16).

L-Artikolu 976 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jistipula -

(1) L-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġgett tal-ftehim.
(2) Il-ftehim ma jkunx null jekk l-iżball jaqa’ biss fuq il-persuna li magħha jkun sar il-ftehim, ħlief meta l-għażla ta’ dik il-persuna tkun il-kawża ewlenija ta’ dak il-ftehim.

Dan l-artikolu ġie imfisser hekk f’’ “Zammit noe vs Fenech et” deciza fl-4 ta’ Marzu 2004 -

“ghar-rigward tal-allegat zball ta’ fatt, l-artikolu 976(1) tal-Kodici Civili jiddisponi li l-izball dwar il-fatt ma jgibx in-nullita tal-kuntratt hlief meta jaqa’ fuq is-sostanza nfisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim. Skond il-gurisprudenza, l-izball fuq is-sustanza ghandu jkun determinanti, soggettiv, unilaterali u fuq kollox skuzabbli.”

L-Artikolu 981 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta -

(1) L-egħmil doluż huwa motiv ta’ nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta.
(2) L-egħmil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat.

Il-Qorti tal-Appell, f’deċiżjoni tat-3 ta' Marzu, 2011, Appell Civili Numru. 136/2000/1 bl-ismijiet ‘Frank Frendo et vs Joseph Vella et nomine’ tagħmel riferenza għad deċiżjoni Joseph Mifsud noe v. Paul Tanti - Prim’ Awla, 4 ta’ Frar, 1965), fejn ġie ritenut :

Illi biex il-qerq jivvizzja l-kunsens ta’ parti f’kuntratt jehtieg li (a) jithaddmu mezzi jew atti qarrieqa; (b) li jkunu fihom infushom gravi; (c) b’mod li jkunu determinanti ghan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet, u (d), fuq kollox, li tali mezzi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-ohra. Biex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta’ dehen ordinarju ma jaghrafx li jkun gie mqarraq u jkun ghemil li jmur lil hinn minn ftahir esagerat dwar xi kwalita` tal-oggett tan-negozju, u li kieku ma kienx ghal dak il-qerq, kieku ma kienx jidhol fin-negozju in kwisjtoni.

Il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni hawn fuq ċitata tagħmel riferenza ukoll għal deċiżjoni oħra, li ukoll hija rilevanti għad-deċiżjoni odjerna u ċioe  “P.L. Joseph Zammit noe et v. Joseph Fenech et” (Prim’ Awla 4 ta’ Marzu 2004) fejn ġie ritenut

“…l-qerq ma jistax jigi allegat meta l-fatti setghu jigu stabbiliti bla xkiel jew diffikulta` zejda mill-parti li tallega l-

qerq, ghaliex f'kaz bhal dan ix-xilja ta' qerq ma tkunx ghajr skuza facli biex wiehed jahrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun dahal ghalihom mal-persuna li allegatament uzat il-qerq."

F'sentenza tal-Qorti tal-Appell, datata 13 ta' Ottubru 1998, bl-ismijiet Carmelo sive Charles Zarb et vs George Xuereb, ġie ritenut illi żball ta' fatt għandu jkun wieħed li jaqa' fuq is-sostanza tal-ħaġa sabiex iġib in-nullita.

L-għemil doluż huwa motiv ta' nullita' ta' ftehim meta l-inganni magħmula minn waħda mill-partijiet huma tali li mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkontratta. Ir-riċerka jekk l-għemil doluż kienx detterminanti hija waħda ta' fatt li għandha tiġi meqjusa fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ.

B'riferenza għall-kawża odjerna jridu jiġu deċiżi biss l-eċċezzjonijiet mingħajr ma wieħed jidħol fil-mertu tat-talba u l-eċċezzjonijiet l-oħra. Għall-finijiet tal-eċċezzjoni numru 9 fejn l-intimati jeċepixxu in-nullita' tad-Dok O1, jingħad illi l-intimati kienu negozjanti illi diġa kellhom esperjenza ta' self (loans) minn Bank. Fuq kollox, il-Bank kien jibgħat rendikonti (statements) regolari lill-intimati, kwindi dawn kienu fil-posizzjoni illi jivverifikaw l-ammonti li kienu jidhru fil-kontijiet bankarji tagħhom. Għaldaqstant, ċertament ma jistax jingħad illi kien hemm l-element ta' skużżabilità tal-iżball kif titlob il-liġi, li jġib in-nullità tal-ftehim. B'hekk id-Dok O1 ma ghandux jigi rexiss ghaliex affett minn zball ta' fatt. Illi in oltre lanqas ma ġie ippruvat illi l-kunsens tal-intimati fuq dokument O1 gie karpit bil-qerq tal-Bank attur. Hija ta' rilevanza l-fatt illi (Dok 01) hija ittra tal-intimati stess ippreparata minnhom u mibgħuta lill-bank attur. In oltre bħala prova tal-allegat qerq, l-intimati xehdu hekk

John Dalli xehed bl-affidavit

Il-Bank of Valletta (BOV) kien ilu snin jagħmel pressjoni fuqi sabiex jiġi ffirmat kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu

Jekk xi ħadd jistaqsini allura għalfejn iffirmajt dawn il-kuntratti, jien nirrispondi li l-ħajja tiegħi, u di kosegwenza tal-familja tiegħi kienet saret infern kontinwu. Il-BOV kien

jiġri warajna sabiex niffirmaw karti kontra karti u kuntratti biex naqblu ma' l-ammonti li huma kienu jgħidu li kienu dovuti. Dan kollu kien isir taħt theddid li jekk ma nagħmlux hekk, il-BOV kien ser jiftaħ proċeduri ġewwa l-Qorti kontra tagħna.

Għalhekk, għalkemm kif diġa għedt jien ma kellix l-intenzjoni li niffirma kostituzzjoni ta' debitu għaliex qatt ma kont ċert mill-ammont dovut lill-BOV, spiċċajt ffirmajt d-dokumenti 'Dok F' u 'Dok G' li llum-il ġurnata rrealiżżajt li kellhom l-istess effett legali ta' kostituzzjoni ta' debitu.

Dan sar kollu b'ingann da parti tal-BOV.

Jon Jon Dalli xehed bl-affidavit

Jekk xi ħadd jistaqsini allura għalfejn missierek iffirma dawn il-kuntratti, jien nirrispondi li l-ħajja tagħna kienet saret infern. Il-BOV kien jiġri warajna sabiex niffirmaw karti kontra karti u kuntratti biex naqblu ma' l-ammonti li huma kienu jgħidu li kienu dovuti. Dan kollu kien isir taħt theddid li jekk ma nagħmlux hekk, il-BOV kien ser jiftaħ proċeduri ġewwa l-Qorti kontra tagħna.

Imbagħad ikompli

Għalhekk, għalkemm missieri ma riedx jiffirma kostituzzjoni ta' debitu għaliex qatt ma konna ċerti mill-ammont dovut lill-BOV, spiċċa ffirma d-dokumenti 'Dok F' u 'Dok G' li llum-il ġurnata rrealiżżajna li kellhom l-istess effett legali ta' kostituzzjoni ta' debitu.

Dan sar kollu b'ingann da parti tal-BOV.

Minn naħa l-oħra, Michael Micallef, senior relationship manager mas-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c., xehed illi l-bank kien

'mhux talli ma qarraqx bihom u ma uza l-ebda pressjoni fuqhom imma l-Bank kien qieghed jakkomodahom b'facilitajiet bankarja skont l-istess talbiet taghhom.'

Jiġi osservat illi b'dan ta' hawn fuq l-intimati ma rnexxielhomx jippruvaw la qerq u lanqas xi pressjoni da parti tal-Bank attur fuq dokument 01 a fol 122 kwindi eċċezzjoni numru 9 għandha tiġi miċħuda.

B'riferenza għall-eċċezzjoni numru 10, jingħad illi lanqas hawn ma ġie ippruvat żball meta ġew iffirmati il-kuntratti tat-30 ta' Dicembru 1997 u tad-9 ta' Novembru 1998 jew qerq kif trid il-liġi biex jiġu rexissi l-imsemmija kuntratti. Jiġi osservat illi kull ma għamlu l-intimati huwa li ressqu l-affidavits ta' John Dalli u ibnu Jon Jon Dalli, fejn dawn prattikament jirripetu l-istess ħaġa, u jgħidu li l-Bank attur kien ser jiftaħ proċeduri ġudizzjarji kontriehom. Dan ċertament ma jammontax għal xi żball jew xi qerq rikjesti mill-liġi fl-artikoli 976 u 981 rispettivament. Jingħad illi l-kuntratti tat-30 ta' Dicembru 1997 (Dok "F") u tad-9 ta' Novembru 1998 saru quddiem in-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef, u ma jirriżulta minn imkien mill-ftit provi prodotti li ressqu l-intimati illi l-kunsens tagħhom kien karpit bi zball ta' fatt sostanzjali jew illi l-kunsens tal-intimati gie karpit bil-qerq tar-rikorrenti Bank Attur.

Kwindi ġaladarba l-intimati ma rnexxielhomx jippruvaw la żball ta' fatt u lanqas qerq da parti tal-Bank attur, l-eċċezzjonijiet numru 9 u 10 għandhom jiġu miċħuda.

Ghal dawn il-motivi kollha :-

Tiddeciedi billi tichad iz-zewg eccezzjonijiet mertu tal-presenti sentenza u cioe l-eccezzjoni kontrasenjata bin-numru 9 u dik ikkontrasenjata bin-numru 10.

Il-kawza tibqa' differita ghall-kontinwazzjoni ghas-seduta tal-25 ta' Gunju, 2012.

Spejjez kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------